**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 150**

It-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.03 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes u s-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. David Agius, l-Onor. Graziella Attard Previ u l-Onor. Amanda Spiteri Grech kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Claudette Buttigieg kienet skużata.

L-Onor. Robert Cutajar kien assenti.

**TALBA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 149 li saret fit-2 ta' Ottubru 2023 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2234 Rapport tal-parteċipazzjoni tas-Sedja fil-Konferenza tal-Ispeakers tal-Kunsill tal-Ewropa li nżammet ġewwa Dublin, l-Irlanda fit-28 u d-29 ta' Settembru 2023;

P.L. 2235 Rapport tal-parteċipazzjoni ta' Dr Noel Buttigieg Scicluna u Dr Francis Agius fil-Laqgħa tal-Bureau, l-Assemblea Ġenerali Straordinarja u Colloquy tal-Assoċjazzjoni ta' Former MPs, li nżammet ġewwa Lugano bejn il-21 u t-23 ta' Settembru 2023; u

P.L. 2236 Kawża tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) bir-referenza 168/2023 ISB fl-ismijiet Prof. Ivan Sammut vs Avukat tal-Istat et, datata 27 ta' Settembru 2023.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet in-numru 9864 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2237 Avviż Legali Nru 228 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Għotjiet ta' Manteniment għal Studenti (Emenda Nru 2).

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2238 Tabella li turi l-oqsma ta' esperti maħtura f'inkjesti fil-Qrati Maltin fil-perjodu bejn Jannar 2022 u Settembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11031;

P.L. 2239 Tabella li turi n-numru ta' talbiet li saru biex tinfetaħ medjazzjoni fil-Qorti tal-Familja fil-perjodu bejn Jannar 2017 u Settembru 2023 maqsuma sena b'sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11507;

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2240 Avviż Legali Nru 229 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati;

f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2241 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' ħaddiema impjegati minn aġenziji tax-xogħol li ngħataw tender tal-Gvern u jitħallsu minn entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għal Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10552;

P.L. 2242 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' persuni ingaġġati mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex bejn Marzu 2022 u Awwissu 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11169;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2243 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' persuni ingaġġati mid-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża bejn Marzu 2022 u Awwissu 2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 11165;

P.L. 2244 Tabella li turi tagħrif dwar il-ħsarat li żviluppaw fin-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku bejn it-Tnejn 17 ta' Lulju u t-Tnejn 31 ta' Lulju 2023 maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 11250; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 2245 | Avviż Legali Nru 226 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali; u |
| P.L. 2246 | Avviż Legali Nru 227 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. |

Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Alicia Bugeja Said, f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 2247 | Tabella li turi n-numru ta' majjal, ċanga, nagħaġ, mogħoż u ekwini li ġew maqtula fil-Biċċerija ta' Għawdex bejn Jannar 2022 u Awwissu 2023 maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10961. |

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, l-Onor. Chris Bonett, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 2248 | Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' persuni ingaġġati mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet bejn Marzu 2022 u Awwissu 2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 11168. |

## MOZZJONIJIET

### 161. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili.

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kap. 55" inqara l-ewwel darba.

### 166. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR L-AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani.

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2023 dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani" inqara l-ewwel darba.

### 167. MOZZJONI DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-PARLAMENT MALTI FL-ASSEMBLEA PARLAMENTARI TAN-NATO

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ ippropona:

Il-Parlament ta' Malta jissieħeb bħala Associate Delegation fl-Assemblea Parlamentari tan-North Atlantic Treaty Organisation (NATO), u dan sabiex delegazzjoni ta' Membri tal-Parlament Malti li jkunu maħtura permezz ta' mozzjoni parlamentari jkunu jistgħu jipparteċipaw, dejjem ai termini ta' Artiklu 1 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fil-laqgħat ta' din l-Assemblea fejn jiġu diskussi materji li jappartjenu għas-sigurtà u d-difiża, fost oħrajn; u

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, jiġi inkarigat sabiex iwassal l-interess tal-Parlament Malti li jissieħeb fl-Assemblea Parlamentari tan-NATO.

L Onor. Chris Bonett, issekonda.

Il mozzjoni għaddiet nem. con.

## 168. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI AVVANZATA U OGĦLA

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, Kap. 607" inqara l-ewwel darba.

## 169. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI ĊIVILI

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili.

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16" inqara l-ewwel darba.

## 170. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

L-Onor. Byron Camilleri ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" inqara l-ewwel darba.

## 171. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KODIĊI KRIMINALI

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda diversi artikoli fil-Kodiċi Kriminali, sabiex jintroduċi dispożizzjonijiet addizzjonali li jirregolaw u jimponu r-

responsabiltà kriminali għall-użu ħażin mill-komunikazzjoni elettronika, jemenda d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċess verbali, jissostitwixxi l-kunċett tat-traffiku fil-persuni b'dak tal-kuntrabandu ta' persuni u jimponi pieni għal reati relatati mal-kuntrabandu ta' persuni, kif ukoll jagħti setgħat lill-Pulizija sabiex teżegwixxi allerti skont is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, Kap. 9" inqara l-ewwel darba.

**172. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" inqara l-ewwel darba.

**173. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA L-ORDINANZA DWAR IĊ-ĊERTIFIKATI TA' KONDOTTA**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati ta' Kondotta.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kap. 77" inqara l-ewwel darba.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Bil-permess tal-Kamra, il-Kamra qablet li titressaq mozzjoni mingħajr avviż.

**174. ASSENZA INEVITABBLI TAL-ISPEAKER U TAD-DEPUTY SPEAKER**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona:

Illi ai termini tal-Ordni Permanenti 151, matul il-bqija ta' din l-14-il Leġiżlatura, f'każ ta' assenza inevitabbli tal-Ispeaker u tad-Deputy Speaker, l-Onor. Michael Farrugia għandu jippresjedi l-Kamra, u li f'każ tal-assenza inevitabbli tal-Onor. Michael Farrugia, għandu jippresjedi l-Kamra l-Onor. Carmelo Abela.

L-Onor. Clyde Caruana, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**DISKUSSJONI MINGĦAJR VOT DWAR IL-LINJA TAL-AJRU NAZZJONALI L-AIR MALTA**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq fis-seduta 149 tat-Tnejn, 2 ta' Ottubru 2023, il-ħin kollu tas-seduta kellu jkun kollu allokat għall-kontinwazzjoni tad-diskussjoni mingħajr vot dwar

l-Air Malta, bil-ħin jinqasam indaqs bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni bl-għeluq għall-Oppożizzjoni. Skont l-istess ftehim, din id-diskussjoni ma kellhiex tieħu aktar mill-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol fis-7.00 p.m. u li jekk id-diskussjoni tintemm qabel, is-seduta kellha tiġi aġġornata għall-Erbgħa, 4 ta' Ottubru 2023.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Mario de Marco, l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Ivan Castillo, l-Onor. Clyde Caruana u l-Onor. Bernard Grech.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Mario de Marco qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2249 Committee Decision on the State Aid No. SA. 33015 (2012/C) which Malta is planning to implement for Air Malta plc datata 27 ta' Ġunju 2012;

P.L. 2250 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' Newsbook fit-3 ta' Ottubru 2023 bl-isem 'L-Air Malta qtilnieha bil-vizzji politiċi – Evarist Bartolo';

P.L. 2251 Artiklu li deher fuq is-sit online airmalta.com fit-30 ta' Ottubru 2013 bl-isem 'Air Malta continues its steady path to Financial Recovery';

P.L. 2252 Artiklu li deher fuq is-sit online airmalta.com fil-15 ta' Ottubru 2015 bl-isem 'Air Malta on track to regaining profitability';

P.L. 2253 Artiklu li deher fuq is-sit online airmalta.com fit-23 ta' Marzu 2019 bl-isem 'Air Malta returns to profitability after almost two decades';

P.L. 2254 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' TVMnews fit-23 ta' Jannar 2020 bl-isem 'Air Malta on track with restructuring plan – Silvio Schembri';

P.L. 2255 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' The Shift fid-19 ta' Novembru 2020 bl-isem 'Air Malta in the red as losses reach € 150 million';

P.L. 2256 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' The Shift fis-17 ta' Jannar 2022 bl-isem 'Finance Minister's declarations on Air Malta prove Konrad Mizzi's announcements in 2018 were false'; u

P.L. 2257 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' Times of Malta fit-18 ta' April 2023 bl-isem 'Air Malta boss confirms new national airline by year's end'.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, l-Onor. Chris Bonett, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2258 Artiklu li deher fuq is-sit online maltatoday.com fit-28 ta' Ġunju 2011 bl-isem 'Government knew Air Malta was declining, and it did nothing – Albert Mizzi'; u

P.L. 2259 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' Times of Malta fis-26 ta' Lulju 2012 bl-isem 'Air Malta's purchase of the RJs'.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Omar Farrugia qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2260 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' Times of Malta fis-16 ta' Jannar 2011 bl-isem 'MPs lose air tickets but get new allowance';

P.L. 2261 Notifika li dehret fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea - State Aid 33015 (12/C) – Air Malta plc – Invitation to submit comments pursuant to Article 108 (2) of the Treaty on the Functioning of the European Union datata 21 ta' Frar 2012;

P.L. 2262 Mistoqsija Parlamentari 5533 tal-Għaxar Leġiżlatura bl-isem 'Air Malta – CEO' magħmula mill-Onor. Noel Farrugia u mwieġba mill-Onor. Austin Gatt, Ministru għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Investiment f'Seduta 136 tal-1 ta' Ġunju 2004; u

P.L. 2263 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' maltatoday.com fis-17 ta' Marzu 2011 bl-isem 'I don't want a Maltese fool – Fenech on Air Malta CEO appointment'.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2264 Tabella bit-titlu 'Expenditure on Chairman & CEO' fis-snin bejn l-2003 u l-2022;

P.L. 2265 Korrispondenza mibgħuta lill-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta ġewwa l-Unjoni Ewropea mill-Head of Unit tal-Kummissjoni Ewropea bir-referenza SA.59300 (2020/PN) dwar l-Air Malta plc;

P.L. 2266 Ftehim Kollettiv iffirmat fit-28 ta' Jannar 2008 bejn l-Air Malta plc u l-Airline Pilot Association (Malta) għall-perjodu 1 ta' Awwissu 2007 u l-31 ta' Lulju 2010; u

P.L. 2267 Ftehim Kollettiv iffirmat fis-17 ta' Lulju 2009 bejn l-Air Malta plc u l-Union of Cabin Crew (U.C.C.) għall-perjodu 1 ta' April 2008 u l-31 ta' Marzu 2013.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2268 Screenshot tal-artiklu ta' malta independent datata 11 ta' April 2023, bl-isem 'Air Malta says delays were due to plane being withdrawn from service because of technical issue';

P.L. 2269 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' Times of Malta fit-13 ta' April 2023 bl-isem 'Air Malta delays: 'My short holiday just got shorter'';

P.L. 2270 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' Times of Malta fid-19 ta' Ġunju 2023 bl-isem 'Air Malta flights delayed as pilots 'refuse to fly planes'';

P.L. 2271 Screenshot tal-artiklu tal-maltatoday datata 10 ta' Mejju 2023, bl-isem 'MCCAA receives 27 flight delay complaints in 2023, with 15 directed at Air Malta';

P.L. 2272 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' Times of Malta fis-26 ta' Mejju 2023 bl-isem 'Students have day in Rome cut short due to Air Malta delay caused by sick pilot';

P.L. 2273 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' Newsbook fid-9 ta' Lulju 2018 bl-isem 'Dewmien fuq l-Air Malta minħabba "ħsara teknika"';

P.L. 2274 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' Newsbook fit-28 ta' Settembru 2017 bl-isem 'Dewmien f'titjiriet tal-Air Malta';

P.L. 2275 Screenshot tal-artiklu fuq is-sit online ta' Times of Malta datat 2 ta' Ottubru 2021 bl-isem 'Government unveils 25-station, €6.2 billion underground METRO proposal';

P.L. 2276 Screenshot tal-artiklu fuq The Shift bl-isem 'The big sell out: Steward bought Vitals for €1, but millions changed hands';

P.L. 2277 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' Times of Malta fl-14 ta' Jannar 2018 bl-isem 'Government gave consent for VGH sale after agreement was signed';

| | |
|---|---|
| P.L. 2278 | Artiklu li deher fuq is-sit online ta' Voice of the Workers Weekly fit-13 ta' Frar 2018 bl-isem 'This is not the real deal but an experiment which failed'; |
| P.L. 2279 | Artiklu li deher fuq is-sit online ta' Independent.com fis-26 ta' Ġunju 2013 bl-isem 'Power blackouts will be a thing of the past, Energy Minister says'; u |
| P.L. 2280 | Screenshot tal-artiklu fuq newsbook datata 5 ta' Mejju 2015 bl-isem 'Aġġornata: Iffirmat il-ftehim għall-Università Amerikana f'Malta'. |

Fis-6.31 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin allokat għad-diskussjoni jitwal bi ftit minuti sabiex l-aħħar kelliem min-naħa tal-Gvern jikkonkludi d-diskors tiegħu u sabiex il-ħin allokat lill-Oppożizzjoni jitwal bl-istess ħin. Il-Kamra qablet ukoll li dan il-ħin jittieħed mill-ħin tal-Aġġornament.

Fis-7.18 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol ippropona l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 4 ta' Ottubru 2023 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru (*Abbozz 63*) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) (*Abbozz 40*) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (*Abbozz 3*) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (*Abbozz 20*) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika (*Abbozz 17*) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta (*Abbozz 18*) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti (*Abbozz 19*) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku (*Abbozz 23*) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (*Abbozz 37*) | Tielet Qari |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija (*Abbozz 49*) | Kumitat Permanenti |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva u Liġijiet Varji (*Abbozz 62*) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura (*Abbozz 50*) | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Abigail Camilleri.

Fis-7.30 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 4 ta' Ottubru 2023 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**